



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0455/2013

10.12.2013

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar
miżuri biex tonqos l-ispiża biex isiru netwerks tal-komunikazzjoni elettronika
b'veloċità għolja
(COM(2013)0147 – C7-0082/2013 – 2013/0080(COD))

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapporteur: Edit Herczog

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f' verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA	43
PROCĊEDURA	45

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri biex tonqos l-ispiża biex isiru netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja (COM(2013)0147 – C7-0082/2013 – 2013/0080(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0147),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema Artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0082/2013),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-10 ta' Lulju 2013¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0455/2013),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament Titolu 1

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	<i>Emenda</i>
Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT

¹ ĠU C 0, 0.0.0000, p. 0/Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar miżuri biex tonqos l-ispiża biex isiru netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar miżuri biex tonqos l-ispiża biex isiru netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(Din l-emenda tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha tirrikjedi bidliet korrispondenti fit-test kollu.)

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) L-ekonomija diġitali qed tiddel bil-qawwa lis-Suq Uniku. Bl-innovazzjoni, il-veloċità u l-kopertura transfruntiera tagħha, din għandha l-potenzjal li tpoġġi l-integrazzjoni tas-Suq Uniku fuq livell ġdid. Il-viżjoni tal-Unjoni hija ekonomija diġitali li trendi ġid soċjali u ekonomiku sostenibbli bbażat fuq servizzi onlajn moderni u konnessjonijiet veloċi tal-internet. Infrastruttura diġitali ta' kwalità għolja tiffred prattikament kull settur ta' ekonomija moderna u innovattiva u għandha importanza strateġika għal koeżjoni soċjali u territorjali. Għaldaqstant, iċ-ċittadini **u n-negozji** kollha jrid ikollhom l-opportunità li jkunu parti mill-ekonomija diġitali.

Emenda

(1) L-ekonomija diġitali qed tiddel bil-qawwa lis-Suq Uniku. Bl-innovazzjoni, il-veloċità u l-kopertura transfruntiera tagħha, din għandha l-potenzjal li tpoġġi l-integrazzjoni tas-Suq Uniku fuq livell ġdid. Il-viżjoni tal-Unjoni hija ekonomija diġitali li trendi ġid soċjali u ekonomiku sostenibbli bbażat fuq servizzi onlajn moderni u konnessjonijiet veloċi tal-internet. Infrastruttura diġitali ta' kwalità għolja tiffred prattikament kull settur ta' ekonomija moderna u innovattiva u għandha importanza strateġika għal koeżjoni soċjali u territorjali. Għaldaqstant, iċ-ċittadini kollha **kif ukoll is-settur privat u dak pubbliku** jrid ikollhom l-opportunità li jkunu parti mill-ekonomija diġitali.

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Billi t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni jinsabu fil-qalba tas-soċjetà diġitali u illum jammontaw għal

madwar 20 % tat-tkabbir annwali tal-Unjoni fil-produttività, 4.5 % tal-PDG tal-Ewropa u jiġġeneraw 25 % tal-investment privat fir-R&Ż, potenzjalment jikkostitwixxu kontributor straordinarju għat-tkabbir u l-impjiegi.

Emenda 4
Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Filwaqt li għarfu ***l-importanza fit-tifrix*** tal-broadband b'veloċità għolja, l-Istati Membri ***approvaw il-miri ambizzjużi*** tal-broadband stabbiliti fil-Komunikazzjoni ***mingħand il-Kummissjoni*** lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni "***The Digital Aġenda for Europe – Driving European growth digitally***" (L-Aġenda Diġitali għall-Ewropa – ***noħolqu tkabbir*** Ewropew b'mod diġitali)²⁹ ("l-Aġenda Diġitali"): ***100% kopertura tal-broadband sal-2013 u żieda ta' 30 Mbps fil-veloċitajiet għad-djar kollha, b'mill-anqas 50% tad-djar jabbonaw għal konnessjonijiet tal-internet b'veloċità aktar minn 100 Mbps sal-2020.***

²⁹ COM (2010)245; ara wkoll l-analiżi tal-Aġenda Diġitali, COM(2012) 784 finali.

Emenda

(2) Filwaqt li għarfu ***li t-tifrix*** tal-broadband b'veloċità għolja ***huwa kruċjali biex*** l-Istati Membri ***jżommu l-impjenji tagħhom fir-rigward tal-miri*** tal-broadband stabbiliti fil-Komunikazzjoni ***mill-Kummissjoni*** lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni "L-Aġenda Diġitali għall-Ewropa – ***Nixprunaw it-tkabbir*** Ewropew b'mod diġitali"²⁹ ("l-Aġenda Diġitali"): ***Din il-Komunikazzjoni tistipula li sal-2020 iċ-ċittadini kollha tal-Unjoni għandu jkollhom aċċess għal veloċitajiet tal-internet ta' aktar minn 30 Mbps u 50 % tad-djar jew aktar għandhom ikunu abbonati għal konnessjonijiet tal-internet ta' 'l fuq minn 100 Mbps. Madankollu, minħabba l-evoluzzjoni rapida tat-teknoloġiji li jwasslu għal konnessjonijiet tal-internet saħansitra aktar veloċi, u t-talba dejjem tikber għas-servizzi elettroniċi, dawk il-miri għandhom ikunu kkunsidrati bħala minimu assolut u l-Unjoni għandha timmira għal objettivi tal-broadband aktar ambizzjużi.***

²⁹ COM (2010)245; ara wkoll l-analiżi tal-Aġenda Diġitali, COM(2012) 784 finali.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) Billi huwa stmat li sal-2020, 50 biljun apparat se jkunu konnessi mal-Internet u li, sa tmiem l-2017, it-traffiku tad-dejta globali mistenni jikber bi 15-il darba; jekk l-Ewropa trid tikseb aktar tkabbir, kompetittività u produttività, dan it-tkabbir esponenzjali fit-traffiku tal-broadband jitlob politiki ambizzjużi fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri sabiex tiżdied il-kapaċità kemm tan-netwerks fissi u kemm dawk mobbli tagħna.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3) L-Aġenda Diġitali identifikat ukoll il-ħtieġa għal politiki biex jonqsu l-ispejjeż tat-tifrix tal-broadband fit-territorju kollu tal-Unjoni, inkluż l-ippjanar u l-koordinazzjoni xierqa **u** tnaqqis ***tal-piżijiet*** amministrattivi.

(3) L-Aġenda Diġitali identifikat ukoll il-ħtieġa għal politiki biex jonqsu l-ispejjeż tat-tifrix tal-broadband fit-territorju kollu tal-Unjoni, inkluż l-ippjanar u l-koordinazzjoni xierqa, ***regolamentazzjoni aħjar***, tnaqqis ***fil-piżijiet*** amministrattivi, ***u l-promozzjoni tal-użu transsettorjali u konverġenti fl-infrastruttura tal-komunikazzjoni eżistenti, inkluża l-infrastruttura tat-teknoloġija moderna tax-xandir.***

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 3a (ġdida)

(3a) Billi t-tnaqqis tal-ispejjeż biex isiru netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja jikkontribwixxi wkoll għall-kisba tad-diġitalizzazzjoni tas-settur pubbliku li tippermetti, minbarra t-tnaqqis fl-ispejjeż għall-amministrazzjonijiet pubbliċi u servizzi aktar effiċjenti pprovduti liċ-ċittadini, effett ta' lieva diġitali fuq is-setturi kollha tal-ekonomija.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) It-tifrix tan-netwerks fissi u bla wajer tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja mal-Unjoni jeħtieġ investimenti sostanzjali, li porzjon sinifikanti tagħhom tirrappreżentah l-ispiża tal-ħidmiet tal-inġinerija ċivili.

Emenda

(5) It-tifrix tan-netwerks fissi u bla wajer tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja mal-Unjoni jeħtieġ investimenti sostanzjali, li porzjon sinifikanti tagħhom tirrappreżentah l-ispiża tal-ħidmiet tal-inġinerija ċivili. **L-abbandun ta' (xi) ħidmiet ta' inġinerija ċivili bi spejjeż għoljin jista' jikkontribwixxi għat-twassil effettiv tal-broadband.**

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Parti kbira minn dawn l-ispejjeż tista' tiġi attribwita għall-ineffiċjenzi fil-proċess tat-tifrix marbut mal-użu tal-infrastruttura passiva eżistenti **(bħal pereżempju l-kanali, il-pajpijiet flessibbli, it-toqob tal-ispezzjoni, il-kaxxi, l-arbli, l-installazzjonijiet tal-antenni, it-torrijiet u strutturi oħra ta' appoġġ)**, il-

Emenda

(6) Parti kbira minn dawn l-ispejjeż tista' tiġi attribwita għall-ineffiċjenzi fil-proċess tat-tifrix marbut mal-użu tal-infrastruttura passiva eżistenti, il-konġestjonijiet marbutin mal-koordinazzjoni tal-ħidmiet ċivili u mat-tifrix ġol-bini tan-netwerks, il-proċeduri tqal tal-permessi amministrattivi, **ostakoli finanzjarji kbar u nuqqas ta'**

konġestjonijiet marbutin mal-koordinazzjoni tal-ħidmiet ċivili, il-proċeduri tqal tal-permessi amministrattivi, u **x-xkiel marbut** mat-tifrix ġol-bini tan-netwerks.

pjaniġiet kummerċjali fattibbli fir-rigward tat-tifrix tal-broadband f'żoni rurali.

Emenda 10
Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Miżuri bil-għan li tiżdied l-effiċjenza fl-użu tal-infrastrutturi eżistenti u li jonqsu l-ispejjeż u x-xkiel biex isiru ħidmiet ġodda tal-inġinerija ċivili, għandhom jagħtu kontribut sostanzjali biex ikun żgurati tifrix malajr u estensiv tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja filwaqt li tinżamm kompetizzjoni effettiva.

Emenda

(7) Miżuri bil-għan li tiżdied l-effiċjenza fl-użu tal-infrastrutturi eżistenti u li jonqsu l-ispejjeż u x-xkiel biex isiru ħidmiet ġodda tal-inġinerija ċivili, għandhom jagħtu kontribut sostanzjali biex ikun żgurati tifrix malajr u estensiv tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja, ***jitħeġġeġ it-tibdil ta' netwerks qodma u t-tifjib għal "aċċess tal-ġenerazzjoni li jmiss"*** filwaqt li tinżamm kompetizzjoni effettiva, ***mingħajr ma jintlaqtu ħażin is-sikurezza, is-sigurtà u l-operat bla xkiel tal-infrastrutturi pubbliċi eżistenti.***

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) ***Dan ir-Regolament għandu*** l-għan li ***jagħti*** ċerti drittijiet u obbligi minimi applikabbli mal-Unjoni li jheffu t-tifrix tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja u l-koordinazzjoni bejn is-setturi. Filwaqt li jkunu żgurati kundizzjonijiet ekwi minimi, dan għandu jsir mingħajr preġudizzju għall-aqwa prattiki u miżuri eżistenti adottati fuq il-livell nazzjonali u lokali li jinvolvu aktar dispożizzjonijiet u kundizzjonijiet dettaljati

Emenda

(9) ***Filwaqt li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, din id-Direttiva għandha*** l-għan li ***tagħti*** ċerti drittijiet u obbligi minimi applikabbli mal-Unjoni li jheffu t-tifrix tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja u l-koordinazzjoni bejn is-setturi. Filwaqt li jkunu żgurati kundizzjonijiet ekwi minimi, dan għandu jsir mingħajr preġudizzju għall-aqwa prattiki u miżuri eżistenti adottati fuq il-livell nazzjonali u

u miżuri addizzjonali li jikkumplimentaw dawn id-drittijiet u l-obbligi, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

lokali li jinvolvu aktar dispożizzjonijiet u kundizzjonijiet dettaljati u miżuri addizzjonali li jikkumplimentaw dawn id-drittijiet u l-obbligi, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. ***Għan ieħor huwa biex tiġi promossa t-trasparenza u l-kompetizzjoni effettiva fil-qasam tas-servizzi ta' netwerk.***

Emenda 12

Proposta għal regolament

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Dan jista' jkun ħafna aktar effiċjenti għall-operaturi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, b'mod partikolari membri ġodda, biex jerġgħu jużaw l-infrastrutturi fiżiċi eżistenti, inklużi daww ta' utilitajiet oħra, sabiex jifirxu netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, b'mod partikolari f'żoni li m'għandhom ebda netwerk tal-komunikazzjoni elettronika xieraq jew li ma jkunx ekonomikament vijabbli li tinbena infrastruttura fiżika ġdida. Barra minn hekk, is-sinerġiji bejn is-setturi tista' tnaqqas b'mod sinifikanti l-ħtieġa għal ħidmiet ċivili minħabba t-tifrix tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika u anki minħabba l-ispejjeż soċjali u ambjentali marbuta magħhom, bħat-tniġġis, l-inkonvenjenzi u l-konġestjoni tat-traffiku. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jkun applikabbli mhux biss għall-fornituri tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika iżda għal kull sid jew detentur tad-drittijiet tal-użu tal-infrastrutturi fiżiċi estensivi u ambizzjużi li jkunu adattati biex jilqgħu ***l-elementi*** tan-netwerk tal-komunikazzjoni elettronika, bħal netwerks fiżiċi ***għall-għoti*** tal-elettriku, il-gass, l-ilma u ***d-drenaġġ***, u s-servizzi ***tat-tisħin u***

Emenda

(11) Dan jista' jkun ħafna aktar effiċjenti għall-operaturi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, b'mod partikolari membri ġodda, biex jerġgħu jużaw l-infrastrutturi fiżiċi eżistenti ***xierqa***, inklużi daww ta' utilitajiet oħra, sabiex jifirxu netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, b'mod partikolari f'żoni li m'għandhom ebda netwerk tal-komunikazzjoni elettronika xieraq jew li ma jkunx ekonomikament vijabbli li tinbena infrastruttura fiżika ġdida. Barra minn hekk, is-sinerġiji bejn is-setturi tista' tnaqqas b'mod sinifikanti l-ħtieġa għal ħidmiet ċivili minħabba t-tifrix tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika u anki minħabba l-ispejjeż soċjali u ambjentali marbuta magħhom, bħat-tniġġis, l-inkonvenjenzi u l-konġestjoni tat-traffiku. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jkun applikabbli mhux biss għall-fornituri tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika iżda għal kull sid jew detentur tad-drittijiet tal-użu tal-infrastrutturi fiżiċi estensivi u ambizzjużi li jkunu adattati biex jilqgħu ***elementi*** tan-netwerk tal-komunikazzjoni elettronika, bħal netwerks fiżiċi ***għall-forniment*** tal-elettriku, il-gass, l-ilma u ***s-sistemi sanitarji u tad-drenaġġ***,

t-trasport.

Emenda 13
Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Minħabba l-livell baxx ta' differenzjazzjoni li għandhom, il-faċilitajiet fiżiċi ta' netwerks bħal dawn kemm-il darba jistgħu jilqgħu fl-istess ħin firxa wiesgħa ta' elementi tan-netwerk tal-komunikazzjoni elettronika, inklużi dawk li jistgħu jagħtu servizzi ta' aċċess tal-broadband veloċi **mill-inqas 30 Mbps** f'konformità mal-prinċipju tan-newtralità teknoloġika, mingħajr ma jolqtu s-servizz ewlieni mogħti u bl-inqas spejjeż tal-adattament. Għalhekk infrastruttura fiżika maħsuba biex tilqa' biss elementi oħra tan-netwerk mingħajr ma ssir element attiv tan-netwerk hi stess, fil-prinċipju tista' tintuża biex tilqa' kejbils tal-komunikazzjoni elettronika, tagħmir jew kull element ieħor tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, **irrispettivament mill-użu effettiv tagħha jew is-sjeda tagħha.** Mingħajr preġudizzju għall-kisba tal-interess ġenerali speċifiku marbut mal-għoti tas-servizz ewlieni, **is-sinerġiji** fost l-operaturi tan-netwerk **għandhom jitħeġġu jgħinu** fl-istess ħin biex jinkisbu l-miri tal-Aġenda Diġitali.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 13

it-tisħin u s-servizzi tat-trasport.

Emenda

(12) Minħabba l-livell baxx ta' differenzjazzjoni li għandhom, il-faċilitajiet fiżiċi ta' netwerks bħal dawn kemm-il darba jistgħu jilqgħu fl-istess ħin firxa wiesgħa ta' elementi tan-netwerk tal-komunikazzjoni elettronika, inklużi dawk li jistgħu jagħtu servizzi ta' aċċess tal-broadband **b'veloċità għolja u ultraveloċi** f'konformità mal-prinċipju tan-newtralità teknoloġika, mingħajr ma jolqtu s-servizz ewlieni mogħti u bl-inqas spejjeż tal-adattament. Għalhekk infrastruttura fiżika maħsuba biex tilqa' biss elementi oħra tan-netwerk mingħajr ma ssir element attiv tan-netwerk hi stess, fil-prinċipju tista' tintuża biex tilqa' kejbils tal-komunikazzjoni elettronika, tagħmir jew kull element ieħor tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, **fin-nuqqas ta' kwalunkwe tħassib dwar is-sigurtà jew interessi kummerċjali futuri tas-sidien tal-infrastruttura.** Mingħajr preġudizzju għall-kisba tal-interess ġenerali speċifiku marbut mal-għoti tas-servizz ewlieni, **għandhom jitħeġġu s-sinerġiji** fost l-operaturi tan-netwerk, **inkluża l-integrazzjoni tat-teknoloġiji disponibbli kollha, sabiex** fl-istess ħin **jikkontribwixxu** biex jinkisbu l-miri tal-Aġenda Diġitali.

(13) Filwaqt li **dan ir-Regolament għandu jkun** ukoll mingħajr preġudizzju għal kull salvagwardja speċifika meħtieġa biex tkun żgurata **s-sigurtà** u l-integrità tan-netwerks u li jkun żgurat li s-servizz ewlieni mogħti mill-operatur tan-netwerk ma jintlaqatx, ir-regoli ġenerali fil-leġiżlazzjoni nazzjonali li jipprojbixxu l-operaturi tan-netwerks milli jinnegozjaw aċċess għal infrastrutturi fiżiċi minn fornituri tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, jistgħu jipprevjenu l-istabbiliment ta' suq għall-aċċess għal infrastrutturi fiżiċi, u għalhekk għandhom jitneħħew. Fl-istess ħin, il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà tal-Istati Membri li jagħmlu l-għoti tal-aċċess tal-infrastruttura minn operaturi tal-utilitajiet, aktar attraenti, billi jeskludu d-dħul li jkun geġ minn dan is-servizz, mill-bażi tal-kalkolu tat-tariffi tal-utenti finali għall-attività jew attivitajiet ewlenin tagħhom, f'konformità mal-liġi applikabbli tal-UE.

Emenda 15

Proposta għal regolament

Premessa 15

(15) Meta fornituri tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika jitolbu aċċess f'żona speċifika, l-operaturi tan-netwerk għandhom jagħmlu disponibbli offerta għal użu komuni tal-faċilitajiet tagħhom skont termini u kundizzjonijiet ġusti, inkluż il-prezz, sakemm l-aċċess ma jkunx ġie rrifjutat għal raġunijiet oġġettivi. Skont iċ-ċirkostanzi, bosta elementi jistgħu jinfluwenzaw il-kundizzjonijiet li skonthom jingħata l-aċċess, bħal: xi spejjeż

(13) Filwaqt li **din id-Direttiva għandha tkun** ukoll mingħajr preġudizzju għal kull salvagwardja speċifika meħtieġa biex tkun żgurata **s-sikurezza, is-sigurtà** u l-integrità tan-netwerks u li jkun żgurat li s-servizz ewlieni mogħti mill-operatur tan-netwerk ma jintlaqatx, ir-regoli ġenerali fil-leġiżlazzjoni nazzjonali li jipprojbixxu l-operaturi tan-netwerks milli jinnegozjaw aċċess għal infrastrutturi fiżiċi minn fornituri tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, jistgħu jipprevjenu l-istabbiliment ta' suq għall-aċċess għal infrastrutturi fiżiċi, u għalhekk għandhom jitneħħew. Fl-istess ħin, il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà tal-Istati Membri li jagħmlu l-għoti tal-aċċess tal-infrastruttura minn operaturi tal-utilitajiet, aktar attraenti, billi jeskludu d-dħul li jkun geġ minn dan is-servizz, mill-bażi tal-kalkolu tat-tariffi tal-utenti finali għall-attività jew attivitajiet ewlenin tagħhom, f'konformità mal-liġi applikabbli tal-UE.

(15) Meta fornituri tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika jitolbu aċċess f'żona speċifika, l-operaturi tan-netwerk għandhom jagħmlu disponibbli offerta għal użu komuni tal-faċilitajiet tagħhom skont termini u kundizzjonijiet ġusti, inkluż il-prezz, sakemm l-aċċess ma jkunx ġie rrifjutat għal raġunijiet oġġettivi. Skont iċ-ċirkostanzi, bosta elementi jistgħu jinfluwenzaw il-kundizzjonijiet li skonthom jingħata l-aċċess, bħal: xi spejjeż

żejda tal-manutenzjoni u l-adattament; xi salvagwardji preventivi li jridu jiġu adottati biex jillimitaw l-impatti negattivi fuq l-integrità u s-sigurtà tan-netwerk; xi arranġamenti speċifiċi dwar ir-responsabbiltà f'każ ta' danni; l-użu ta' xi sussidju pubbliku mogħti għall-bini tal-infrastruttura, inklużi termini u kundizzjonijiet speċifiċi marbuta mas-sussidju jew mogħtija skont il-liġi nazzjonali f'konformità mal-liġi tal-Unjoni; xi limitazzjonijiet li jkunu ġejjin minn dispożizzjonijiet nazzjonali bil-għan li jitħarsu l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-sigurtà pubblika jew biex jintlaħqu l-għanijiet tal-ippjanar **tal-bliet** u l-irħula.

żejda tal-manutenzjoni u l-adattament; xi **impatt fuq il-kapaċità u l-prestazzjoni marbuta mal-għoti tas-servizz prinċipali**; xi salvagwardji preventivi li jridu jiġu adottati biex jillimitaw l-impatti negattivi fuq **is-sikurezza**, l-integrità u s-sigurtà tan-netwerk; xi arranġamenti speċifiċi dwar ir-responsabbiltà f'każ ta' danni; l-użu ta' xi sussidju pubbliku mogħti għall-bini tal-infrastruttura, inklużi termini u kundizzjonijiet speċifiċi marbuta mas-sussidju jew mogħtija skont il-liġi nazzjonali f'konformità mal-liġi tal-Unjoni; **l-abbiltà li tingħata jew tiġi pprovduta kapaċità infrastrutturali sabiex jiġu ssodisfati jew imħaddma l-obbligi tas-servizz pubbliku**, xi limitazzjonijiet li jkunu ġejjin minn dispożizzjonijiet nazzjonali bil-għan li jitħarsu l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-sigurtà pubblika jew biex jintlaħqu l-għanijiet tal-ippjanar **tal-ibliet** u l-irħula. **L-ispejjeż inkriminali li jinjalghu waqt it-twettiq ta' ħidmiet ċivili fil-futur fuq netwerk, irrispettivament minn min ikun beda dawn il-ħidmiet, u li jkunu ġġenerati mill-preżenza ta' elementi ta' networks tal-komunikazzjoni elettronika, jistgħu jiġu allokati lill-impriżi li lilhom jappartjenu dawk l-elementi ta' networks tal-komunikazzjoni elettronika.**

Emenda 16
Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Jekk ma jkunx hemm ftehim fin-negożjati kummerċjali fuq termini u kundizzjonijiet tekniċi u kummerċjali, kull parti għandha tkun tista' ssejjaħ lil korp għas-soluzzjoni tat-tilwim fil-livell nazzjonali sabiex jimponi soluzzjoni lill-partijiet, ħalli jkun evitat ir-rifjut mhux iġġustifikat li jsir qbil jew l-impożizzjoni ta' kundizzjonijiet mhux raġonevoli. Meta

PE516.892v02-00

14/45

Emenda

(16) Jekk ma jkunx hemm ftehim fin-negożjati kummerċjali fuq termini u kundizzjonijiet tekniċi u kummerċjali, kull parti għandha tkun tista' ssejjaħ lil korp għas-soluzzjoni tat-tilwim fil-livell nazzjonali sabiex jimponi soluzzjoni lill-partijiet, ħalli jkun evitat ir-rifjut mhux iġġustifikat li jsir qbil jew l-impożizzjoni ta' kundizzjonijiet mhux raġonevoli. Meta

RR\1013043MT.doc

jkunu qed jiġu ddeterminati l-prezzijiet għall-għoti tal-aċċess, il-korp għas-soluzzjoni tat-tilwim għandu jqis l-investimenti li jkunu saru fl-infrastruttura fiżika. Fil-każ speċifiku tal-aċċess għal infrastrutturi fiżiċi tal-operaturi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, l-investimenti li saru f'din l-infrastruttura jaf jgħinu direttament biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa u l-kompetizzjoni downstream jaf tkun influwenzata minn parrassitiżmu (free-riding). Għalhekk, kull obbligu tal-aċċess għandu jqis il-vijabbiltà ekonomika ta' dawn l-investimenti skont xi skeda taż-żmien għar-redditu fuq l-investment, kull impatt tal-aċċess fuq il-kompetizzjoni downstream, kull deprezzament tal-assi tan-netwerk meta ssir it-talba għal aċċess, kull każ ta' negozju li jirfed l-investment li jkun sar, b'mod partikolari f'infrastrutturi fiżiċi mibnija dan l-aħħar li jintużaw għall-għoti ta' servizzi tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja, u kull possibiltà offruta lil min ifittex l-aċċess għal użu kondiviż.

jkunu qed jiġu ddeterminati l-prezzijiet għall-għoti tal-aċċess, il-korp għas-soluzzjoni tat-tilwim għandu jqis l-investimenti li jkunu saru fl-infrastruttura fiżika, ***il-potenzjal ta' ħela tal-għajnuna mill-Istat, l-opinjoni ta' kull regolatur ekonomiku rilevanti għas-setturi tal-infrastruttura kkonċernati u l-ispejjeż addizzjonali kollha involuti biex ikun jista' jingħata l-aċċess.*** Fil-każ speċifiku tal-aċċess għal infrastrutturi fiżiċi tal-operaturi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, l-investimenti li saru f'din l-infrastruttura jaf jgħinu direttament biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa u l-kompetizzjoni downstream jaf tkun influwenzata minn parrassitiżmu (free-riding). Għalhekk, kull obbligu tal-aċċess għandu jqis il-vijabbiltà ekonomika ta' dawn l-investimenti skont xi skeda taż-żmien għar-redditu fuq l-investment. ***Il-korpi għas-soluzzjoni tat-tilwim għandhom ikunu wkoll konxji ta' kwalunkwe impatt tal-aċċess fuq il-kapaċità u l-prestazzjoni fl-għoti tas-servizz prinċipali,*** kull impatt tal-aċċess fuq il-kompetizzjoni downstream, kull deprezzament tal-assi tan-netwerk meta ssir it-talba għal aċċess, kull każ ta' negozju li jirfed l-investment li jkun sar, b'mod partikolari f'infrastrutturi fiżiċi mibnija dan l-aħħar li jintużaw għall-għoti ta' servizzi tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja, u kull possibiltà offruta lil min ifittex l-aċċess għal użu kondiviż.

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) Meta jkun hemm tilwim dwar aċċess għall-informazzjoni fuq l-infrastrutturi fiżiċi fid-dawl tat-tifrix tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità

Emenda

(20) Meta jkun hemm tilwim dwar aċċess għall-informazzjoni fuq l-infrastrutturi fiżiċi fid-dawl tat-tifrix tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità

għolja, il-punt waħdieni tal-informazzjoni għandu jkun jista' jsołvi tilwim bħal dan billi jieħu deċiżjoni vinkolanti, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li xi parti tirreferi l-każ lil qorti.

Emenda 18

Proposta għal regolament Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

(26) Sabiex jinkisbu l-miri tal-Aġenda Diġitali jeħtieġ li t-tifrix tal-infrastruttura jitqarreb lejn il-post tal-utenti finali, b'rispett sħiħ tal-prinċipju tal-proporzjonalità fejn tidħol xi limitazzjoni għad-dritt tal-proprjetà fid-dawl tal-interess ġenerali sigwit. Għandha tiġi ffaċilitata l-eżistenza ta' netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja sal-utent finali filwaqt li fl-istess ħin tkun żgurata n-newtralità teknoloġika, b'mod partikolari b'infrastruttura fiżika b'veloċità għolja lesta għol-bini. Minħabba l-fatt li, li wieħed jaħseb għal kanali żgħar waqt li jkun qed isir il-bini għandu spiża inkriminali limitata filwaqt l-bini jkun mgħammar minn qabel b'infrastruttura ta' veloċità għolja, jaf jirrappreżenta parti sinifikanti mill-ispiża tat-tifrix tan-netwerks b'veloċità għolja, kull bini ġdid jew rinnovat bil-kbir **għandu** jkun mgħammar b'infrastruttura fiżika li biha tkun tista' ssir il-konnessjoni tal-utenti finali b'netwerks ta' veloċità għolja. Barra minn hekk, sabiex jinfirex netwerk tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja, il-bini l-ġdid li jkun fih ħafna abitazzjonijiet, kif ukoll il-bini b'ħafna abitazzjonijiet li jsirlu rinnovament kbir, **għandu** jkollhom punt ta' konċentrazzjoni jew ta' aċċess, li minnu l-fornitur ikun jista' jaċċessa n-netwerk għol-bini. Fil-prattika, dan ifisser li l-iżviluppaturi tal-bini għandhom jaħsbu għal kanali vojta minn kull abitazzjoni sal-

għolja, il-punt waħdieni tal-informazzjoni **kompetenti** għandu jkun jista' jsołvi tilwim bħal dan billi jieħu deċiżjoni vinkolanti, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li xi parti tirreferi l-każ lil qorti.

Emenda

(26) Sabiex jinkisbu l-miri tal-Aġenda Diġitali jeħtieġ li t-tifrix tal-infrastruttura jitqarreb lejn il-post tal-utenti finali, b'rispett sħiħ tal-prinċipju tal-proporzjonalità fejn tidħol xi limitazzjoni għad-dritt tal-proprjetà fid-dawl tal-interess ġenerali sigwit. Għandha tiġi ffaċilitata l-eżistenza ta' netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja sal-utent finali filwaqt li fl-istess ħin tkun żgurata n-newtralità teknoloġika, b'mod partikolari b'infrastruttura fiżika b'veloċità għolja lesta għol-bini. Minħabba l-fatt li, li wieħed jaħseb għal kanali żgħar waqt li jkun qed isir il-bini għandu spiża inkriminali limitata filwaqt l-bini jkun mgħammar minn qabel b'infrastruttura ta' veloċità għolja, jaf jirrappreżenta parti sinifikanti mill-ispiża tat-tifrix tan-netwerks b'veloċità għolja, kull bini ġdid jew rinnovat bil-kbir **jista'** jkun mgħammar b'infrastruttura fiżika li biha tkun tista' ssir il-konnessjoni tal-utenti finali b'netwerks ta' veloċità għolja. Barra minn hekk, sabiex jinfirex netwerk tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja, il-bini l-ġdid li jkun fih ħafna abitazzjonijiet, kif ukoll il-bini b'ħafna abitazzjonijiet li jsirlu rinnovament kbir, **jista'** jkollhom punt ta' konċentrazzjoni jew ta' aċċess, li minnu l-fornitur ikun jista' jaċċessa n-netwerk għol-bini. Fil-prattika, dan ifisser li l-iżviluppaturi tal-bini għandhom jaħsbu għal kanali vojta minn kull abitazzjoni sal-

punt ta' konċentrazzjoni intern jew estern. F'xi każijiet, bħal djar ġodda b'abitazzjoni waħda jew kategoriji ta' rinnovament kbir f'żoni iżolati, il-prospett ta' konnessjoni veloċi ħafna jista' jkun jitqies, b'oġġettività, bħala remot wisq biex jiġġustifika l-ispejjeż żejda tat-tifrix ta' infrastrutturi fiżiċi b'veloċità għolja għol-bini u/jew punt ta' konċentrazzjoni.

punt ta' konċentrazzjoni intern jew estern. F'xi każijiet, bħal djar ġodda b'abitazzjoni waħda jew kategoriji ta' rinnovament kbir f'żoni iżolati, il-prospett ta' konnessjoni veloċi ħafna jista' jkun jitqies, b'oġġettività, bħala remot wisq biex jiġġustifika l-ispejjeż żejda tat-tifrix ta' infrastrutturi fiżiċi b'veloċità għolja għol-bini u/jew punt ta' konċentrazzjoni.

Emenda 19

Proposta għal regolament Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(26a) Għandha tiġi introdotta tikketta ġdida tal-Unjoni dwar il-broadband ('broadband-ready') għall-bini u l-appartamenti biex tgħin lix-xerrejja u l-kerrejja jidentifikaw bini b'aċċess għal netwerk tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja. It-tikketta tal-Unjoni 'broadband-ready' għandha tkun tikketta volontarja li tippromwovi l-fatt li l-infrastrutturi interni huma lesti għall-veloċità għolja.

Emenda 20

Proposta għal regolament Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(30) Ikun liema jkun il-korp maħtur mill-Istat Membru għas-soluzzjoni tat-tilwim, dan għandu jiżgura l-imparzjalità u l-indipendenza fejn jidħlu l-partijiet involuti. Apparti dan, l-awtoritajiet maħtura għandu jkollhom ir-riżorsi **xierqa** u setgħat tas-sanzjonar meta ma jkunx hemm konformità mad-deċiżjonijiet adottati.

(30) Ikun liema jkun il-korp maħtur mill-Istat Membru għas-soluzzjoni tat-tilwim, dan għandu jiżgura l-imparzjalità u l-indipendenza fejn jidħlu l-partijiet involuti. Apparti dan, l-awtoritajiet maħtura għandu jkollhom **il-kompetenzi**, ir-riżorsi u setgħat tas-sanzjonar **xierqa** meta ma jkunx hemm konformità mad-deċiżjonijiet adottati.

Emenda 21
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) "operatur tan-netwerk" tfisser fornitur tan-netwerk tal-komunikazzjoni elettronika u impriża li ttiprovdi infrastruttura fiżika bil-ħsieb li tagħti: servizz tal-produzzjoni, tat-trasport jew tad-distribuzzjoni tal-gass, l-elettriku inkluż id-dawl pubbliku, it-tisħin, l-ilma, inkluż ir-rimi jew it-trattament tal-ilma mormi u d-drenaġġ; servizzi tat-trasport, **inkluż il-linji tal-ferroviji, it-toroq, il-portijiet u l-ajruporti**;

Emenda 22
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) "infrastruttura fiżika" tfisser **kull element** tan-netwerk li ma jkunx attiv bħal pajpijiet, arbli, kanali, kmamar tal-ispezzjoni, toqob tal-ispezzjoni, kaxxi, binjiet jew daħliet għal binjiet, installazzjonijiet tal-antenni, torrijiet u arbli u l-faċilitajiet assoċjati tagħhom;

Emenda 23
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) "netwerk tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja" tfisser netwerk tal-komunikazzjoni elettronika li kapaċi jwassal servizzi ta' aċċess tal-

Emenda

(1) "operatur tan-netwerk" tfisser fornitur tan-netwerk tal-komunikazzjoni elettronika u impriża li ttiprovdi infrastruttura fiżika bil-ħsieb li tagħti: servizz tal-produzzjoni, tat-trasport jew tad-distribuzzjoni tal-gass, l-elettriku inkluż id-dawl pubbliku, it-tisħin, l-ilma, inkluż ir-rimi jew it-trattament tal-ilma mormi u d-drenaġġ, **sistemi sanitarji u** servizzi tat-trasport;

Emenda

(2) "infrastruttura fiżika" tfisser **l-element** tan-netwerk li ma jkunx attiv bħal pajpijiet, arbli, kanali, kmamar tal-ispezzjoni, toqob tal-ispezzjoni, kaxxi, binjiet jew daħliet għal binjiet, installazzjonijiet tal-antenni, torrijiet u arbli u l-faċilitajiet assoċjati tagħhom, **bl-eċċezzjoni ta' elementi li jintużaw għall-ġarr ta' ilma tax-xorb maħsub għall-konsum tal-bniedem.**

Emenda

(3) "netwerk tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja" tfisser netwerk tal-komunikazzjoni elettronika li kapaċi jwassal servizzi ta' aċċess tal-

broadband *b'veloċità ta' mill-inqas 30 Mbps.*

broadband *ta' 100 Mbps u 1 Gbps, fejn possibbli, u aktar.*

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) "netwerks miftuħin" tfisser netwerks fejn il-fornituri tas-servizzi u s-sidien tan-netwerks huma separati u fejn il-fornituri tas-servizzi għandhom aċċess għal klijenti individwali permezz tan-netwerk mingħajr diskriminazzjoni.

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Kull operatur tan-netwerk għandu jkollu d-dritt li joffri aċċess għall-infrastruttura fiżika tiegħu fid-dawl tat-tifrix tal-elementi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja.

1. Kull operatur tan-netwerk għandu jkollu d-dritt li joffri aċċess għall-infrastruttura fiżika tiegħu fid-dawl tat-tifrix tal-elementi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja, *filwaqt li jiżgura s-sikurezza u s-sigurtà tan-netwerk; b'mod reċiproku, l-operaturi tan-netwerk għandu jkollhom id-dritt li joffru aċċess għall-infrastruttura fiżika tagħhom bil-ħsieb li jsiru netwerks oħrajn, sakemm dan it-tifrix ikollu l-approvazzjoni tas-sidien u tal-awtoritajiet responsabbli.*

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2

2. Meta impriża awtorizzata biex tipprovdi netwerks tal-komunikazzjoni elettronika tagħmel talba speċifika bil-miktub, kull operatur tan-netwerk għandu jkollu l-obbligu li ***jilħaq it-talbiet*** raġonevoli kollha għal aċċess għall-infrastruttura fiżika tiegħu skont termini u kundizzjonijiet ġusti, inkluż il-prezz, fid-dawl tat-tifrix tal-elementi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja.

2. Meta impriża awtorizzata biex tipprovdi netwerks tal-komunikazzjoni elettronika tagħmel talba speċifika bil-miktub, kull operatur tan-netwerk għandu jkollu l-obbligu, ***suġġett għad-disponibbiltà ta' kapaċità tan-netwerk***, li ***jissodisfa t-talbiet*** raġonevoli kollha għal aċċess għall-infrastruttura fiżika tiegħu skont termini u kundizzjonijiet ġusti, inkluż il-prezz, ***bil-kundizzjoni li ma tinħoloq l-ebda problema b'rabta mas-sikurezza u s-sigurtà tan-netwerk u b'attenzjoni għall-prinċipju tar-reċiproċità***, fid-dawl tat-tifrix tal-elementi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja. ***L-obbligu tal-operaturi tan-netwerks li jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha għal aċċess, b'termini u kundizzjonijiet ġusti, għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligu tagħhom li jirrispettaw ir-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat fil-każ ta' investiment fl-infrastruttura ffinanzjat jew iggarantit mill-gvern.***

L-awtoritajiet involuti għandhom jarmonizzaw il-prinċipji tagħhom biex jistabbilixxu t-termini u l-kundizzjonijiet u jorganizzaw konsultazzjonijiet mal-operaturi tan-netwerk jew l-assoċjazzjonijiet tagħhom sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data eżatta: id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament + 12-il xahar].

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għad-dritt tas-sidien tal-artijiet u s-sidien ta' proprjetà privata li jiddeċiedu kif jamministraw u jimmaniġġjaw l-assi tagħhom.

Emenda 28

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Kull rifjut tal-aċċess għandu jissejjes fuq kriterji oġġettivi, **li jistgħu jkunu relatati b'mod partikolari ma'**:

3. Kull rifjut tal-aċċess għandu jissejjes fuq kriterji oġġettivi, **bħal**:

Emenda 29

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) tħassib dwar is-sikurezza u s-saħħa pubblika;

Emenda 30

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ab) is-sigurtà ta' infrastruttura kritika nazzjonali;

Emenda 31
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) id-disponibbiltà tal-ispazju biex jilqa' l-elementi msemmija fil-punt (a);

Emenda

(b) id-disponibbiltà **attwali u futura** tal-ispazju biex jilqa' l-elementi msemmija fil-punt (a);

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-integrità u s-sigurtà ta' kull netwerk li diġà nfirex;

Emenda

(c) l-integrità, **is-sikurezza** u s-sigurtà ta' kull netwerk li diġà nfirex;

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) ir-riskju ta' interferenzi **serji** tas-servizzi ppjanati tal-komunikazzjoni elettronika mal-ġhoti ta' servizzi oħra fuq l-istess l-infrastruttura fiżika;

Emenda

(d) ir-riskju ta' interferenzi **ċari** tas-servizzi ppjanati tal-komunikazzjoni elettronika mal-ġhoti ta' servizzi oħra fuq l-istess l-infrastruttura fiżika;

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) **id-disponibilità** ta' mezzi alternattivi ta' aċċess bl-ingrossa għan-netwerk tal-infrastruttura fiżika mogħtija mill-operatur

Emenda

(e) **id-disponibbiltà, jew id-disponibbiltà ppjanata skont pjanijiet ta' tifrix ippubblikati**, ta' mezzi alternattivi ta'

tan-netwerk u li jkunu adattati għall-provvista tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja.

aċċess bl-ingrossa għan-netwerk tal-infrastruttura fiżika mogħtija mill-operatur tan-netwerk u li jkunu adattati għall-provvista tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja.

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) l-użu proporzjonali tal-ispazju disponibbli, sabiex operatur tan-netwerk li jkun proprjetarju tal-infrastruttura fiżika jkun jista' jirriserva spazju għall-investimenti futuri tiegħu stess.

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(eb) ir-riskju għoli għas-sikurezza fiżika ta' ħaddiema li jaħdmu fuq infrastrutturi differenti minn dawk li oriġinarjament kienu mħarrġa biex joperaw fihom;

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt ec (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ec) l-użu proporzjonali tal-ispazju disponibbli, sabiex operatur tan-netwerk li jkun proprjetarju tal-infrastruttura fiżika

jkun jista' jirriserva spazju għall-investimenti futuri tiegħu stess.

Emenda 38

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt ed (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ed) id-disponibbiltà ppjanata ta' mezzi alternattivi ta' aċċess bl-ingrossa għan-netwerk tal-infrastruttura fiżika, fil-każ li jeżistu pjanijiet nazzjonali għat-tifrix ta' Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferroviarju.

Emenda 39

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt ef (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ef) kundizzjonijiet li permezz tagħhom l-għoti tal-aċċess għal sistemi ta' trasport ta' taħt l-art jista' jirriżulta fi tfixkil għall-investiment u għat-titjib fit-tul u/jew jirriżulta fi tfixkil fl-ivvjaġġar b'impatt ekonomiku sproporzjonat.

Emenda 40

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt eg (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(eg) jeżistu arranġamenti kuntrattwali esklużivi bejn l-operaturi tan-netwerks u l-klijenti tagħhom;

Emenda 41
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-operatur tan-netwerk għandu jiddikjara r-raġunijiet għal kull rifjut fi żmien **xahar** minn meta jkun intalab l-aċċess bil-miktub.

Emenda

L-operatur tan-netwerk għandu jiddikjara r-raġunijiet għal kull rifjut fi żmien **tlit xhur** minn meta jkun intalab l-aċċess bil-miktub.

Emenda 42
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-korp nazzjonali għas-soluzzjoni tat-tilwim imsemmi fil-paragrafu 4, filwaqt li jqis bis-sħiħ il-prinċipju tal-proporzjonalità, għandu jgħid deċiżjoni vinkolanti biex isolvi t-tilwima mibdija skont il-paragrafu 4, inkluża **d-determinazzjoni ta'** termini, kundizzjonijiet u prezzijiet **ġusti** fejn xieraq, fl-iqsar żmien possibbli u f'kull każ fi żmien erba' xhur, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li xi parti li tirreferi l-każ lil qorti. Kull prezz stabbilit mill-korp għas-soluzzjoni tat-tilwim għandu jkoll l-impatt tal-aċċess mitlub fuq il-pjan kummerċjali li jirfeda l-investimenti li għamel l-operatur tan-netwerk li lill jkun intalab l-aċċess, b'mod partikolari fil-każ ta' infrastrutturi fiżiċi mibnija dan l-aħħar li jintużaw għall-għoti tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja.

Emenda

5. Il-korp nazzjonali għas-soluzzjoni tat-tilwim imsemmi fil-paragrafu 4, filwaqt li jqis bis-sħiħ il-prinċipju tal-proporzjonalità, għandu jgħid deċiżjoni vinkolanti biex isolvi t-tilwima mibdija skont il-paragrafu 4, inkluża **rakkomandazzjoni dwar** termini, kundizzjonijiet u prezzijiet fejn xieraq, fl-iqsar żmien possibbli u f'kull każ fi żmien erba' xhur, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li xi parti li tirreferi l-każ lil qorti. Kull prezz stabbilit mill-korp għas-soluzzjoni tat-tilwim, **mil-liġi dwar l-għajnuna mill-Istat, mid-dikjarazzjoni ta' produzzjoni tal-infrastruttura nazzjonali, mill-ftehim dwar il-finanzjament tal-infrastruttura ta' Stat Membru u mill-kuntratt tal-OSP** għandu jkoll l-impatt tal-aċċess mitlub fuq il-pjan kummerċjali li jirfeda l-investimenti li għamel l-operatur tan-netwerk li lill jkun intalab l-aċċess, b'mod partikolari fil-każ ta' infrastrutturi fiżiċi mibnija dan l-aħħar li jintużaw għall-għoti tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja. **Fit-tehdid tad-deċiżjonijiet tiegħu, il-korp nazzjonali għas-soluzzjoni tat-tilwim għandu jkoll ukoll il-vijabbiltà ekonomika ta' dawk l-**

investimenti abbażi ta' kwalunkwe skeda ta' żmien għar-redditu fuq l-investment, kwalunkwe impatt tal-aċċess fuq il-kapaċità u l-prestazzjoni, kwalunkwe impatt tal-aċċess fuq il-kompetizzjoni downstream, kwalunkwe deprezzament tal-assi tan-netwerk meta ssir it-talba għall-aċċess, u kwalunkwe possibbiltà offruta lil min ifittex l-aċċess għal użu kondiviż.

Emenda 43

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Jekk ikun hemm bżonn jitwettqu kompiti li huma konnessi mal-użu kondiviż tal-infrastruttura, dawn jistgħu jsiru biss mill-operatur tan-netwerk jew minn parti li jkun ingħatalha l-kuntratt tal-kompitu mill-operatur.

Emenda 44

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Sabiex jitolbu aċċess għal infrastruttura fiżika, skont l-Artikolu 3, kull impriża awtorizzata biex tippovdi netwerks tal-komunikazzjoni elettronika għandu jkollha d-dritt ta' aċċess **jekk, minn** punt waħdieni tal-informazzjoni, **titlob** dan is-sett ta' informazzjoni minima dwar l-infrastruttura fiżika eżistenti ta' xi operatur tan-netwerk:

Sabiex jitolbu aċċess għal infrastruttura fiżika, skont l-Artikolu 3, kull impriża awtorizzata biex tippovdi netwerks tal-komunikazzjoni elettronika għandu jkollha d-dritt ta' aċċess, **fuq talba ġustifikata bil-ħsieb li tiżviluppa servizzi tat-telekomunikazzjoni aħjar fil-futur, permezz ta'** punt waħdieni tal-informazzjoni, **għal** dan is-sett ta' informazzjoni minima dwar l-infrastruttura fiżika eżistenti ta' xi operatur tan-netwerk **sakemm dan ma jaffettwax is-sikurezza, l-**

(a) il-post, ir-rotta u l-koordinati tal-georeferenza;

(b) id-daqs, it-tip u l-użu attwali tal-infrastruttura;

(c) isem is-sid jew id-detentur tad-drittijiet tal-użu tal-infrastruttura fiżika u punt tal-kuntatt.

L-impriża li titlob aċċess għandha tispeċifika ż-żona kkonċernata fid-dawl tat-tifrix tal-elementi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja.

L-aċċess għall-informazzjoni minima taż-żona speċifikata għandu jingħata **minnufih** f'forma elettronika skont termini proporzjonati, nondiskriminatorji u trasparenti. L-aċċess għall-informazzjoni minima jista' jkun limitat minn punt waħdieni tal-informazzjoni biss meta dan jitqies neċessarju fid-dawl tas-sigurtà tan-netwerks u l-integrità tagħhom jew fid-dawl tas-sigrietni operattivi u kummerċjali.

Il-punt waħdieni tal-informazzjoni għandu jiżgura li l-aċċess għall-informazzjoni minima skont dan il-paragrafu jkun disponibbli sa mhux aktar tard minn [**Publications Office: please insert the exact date: entry into force of this Regulation + 12 months**].

integrità u s-sigurtà tan-netwerk:

(a) il-post, ir-rotta u l-koordinati tal-georeferenza;

(b) id-daqs, it-tip u l-użu attwali tal-infrastruttura;

(c) isem is-sid jew id-detentur tad-drittijiet tal-użu tal-infrastruttura fiżika u punt tal-kuntatt.

L-impriża li titlob aċċess għandha tispeċifika ż-żona kkonċernata fid-dawl tat-tifrix tal-elementi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja, **u l-impriża għalhekk għandu jkollha aċċess biss għad-dejta ta' dik iż-żona ġeografika speċifika.**

L-aċċess għall-informazzjoni minima taż-żona speċifikata għandu jingħata **fil-pront** f'forma elettronika skont termini proporzjonati, nondiskriminatorji u trasparenti **għalkollox filwaqt li jkun rrispettat il-prinċipju tal-kunfidenzjalità. Il-punti waħdanin tal-informazzjoni għandhom jinfurmaw lill-operatur tan-netwerk ikkonċernat dwar l-iskambju ta' informazzjoni.**

L-aċċess għall-informazzjoni minima jista' jkun limitat minn punt waħdieni tal-informazzjoni biss meta dan jitqies neċessarju fid-dawl tas-sigurtà tan-netwerks u l-integrità tagħhom jew fid-dawl tas-sigrietni operattivi u kummerċjali **u meta jitqies neċessarju għall-protezzjoni tal-interessi pubbliċi u individwali fundamentali skont il-liġi nazzjonali.**

Il-punt waħdieni tal-informazzjoni għandu jiżgura li l-aċċess għall-informazzjoni minima skont dan il-paragrafu jkun disponibbli sa mhux aktar tard minn [**Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data eżatta: id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament + 12-il xahar**].

Jekk l-infrastruttura eżistenti mhijiex ikkunsidrata teknikament adattata biex

jinfirxu netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloçità għolja, l-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mill-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 1. Tali miżura għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni u għandhom jingħataw kif dovut ir-raġunijiet għaliha, filwaqt li l-partijiet kollha interessati għandhom jingħataw l-opportunità li jikkumentaw fuq l-abbozz ta' miżura.

Emenda 45

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

L-aċċess għall-informazzjoni minima taż-żona speċifikata għandu jingħata minnufih f'forma elettronika skont termini proporzjonati, nondiskriminatorji u trasparenti. L-aċċess għall-informazzjoni minima jista' jkun limitat minn punt waħdieni tal-informazzjoni biss meta dan jitqies neċessarju fid-dawl tas-sigurtà tan-netwerks u l-integrità tagħhom jew fid-dawl tas-sigrietni operattivi u kummerċjali.

Emenda

L-aċċess għall-informazzjoni minima taż-żona speċifikata għandu jingħata minnufih f'forma elettronika skont termini proporzjonati, nondiskriminatorji u trasparenti. L-aċċess għall-informazzjoni minima jista' jkun limitat minn punt waħdieni tal-informazzjoni biss meta dan jitqies neċessarju fid-dawl tas-sigurtà tan-netwerks u l-integrità tagħhom jew fid-dawl tas-sigrietni operattivi u kummerċjali. ***Bil-għan li tiġi salvagwardjata s-sigurtà nazzjonali u s-sigurtà u l-integrità ta' ċerti elementi ta', u/jew żoni fuq netwerk, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jeżentaw ċerti żoni mill-obbligu li jingħata s-sett ta' informazzjoni minima f'forma elettronika. F'dawk il-każijiet l-aċċess għal informazzjoni minima jista' jkun limitat għal eżami fl-uffiċċji tal-operatur tan-netwerk. Kull miżura bħal din għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni.***

Emenda 46

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2

2. Kull korp tas-settur pubbliku li jkollu f'forma elettronika l-informazzjoni minima msemmija fil-paragrafu 1 dwar l-infrastruttura fiżika ta' operatur tan-netwerk minħabba l-kompiti tiegħu, għandu jagħmel din l-informazzjoni disponibbli fil-punt waħdieni tal-informazzjoni b'mezzi elettroniċi qabel [**Publications Office: please insert the exact date: entry into force of this Regulation + 6 months**]. Kull aġġornament ta' din l-informazzjoni u kull informazzjoni minima ġdida msemmija fil-paragrafu 1 li **tasal** għand il-korp tas-settur pubbliku, **għandu jsir** disponibbli fil-punt waħdieni tal-informazzjoni fi żmien xahar minn meta l-korp jirċeviha.

Emenda 47

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 3

3. Meta l-informazzjoni minima msemmija fil-paragrafu 1 ma tinżammx mill-korpi tas-settur pubbliku skont il-paragrafu 2, kull operatur tan-netwerk meta ssirli talba speċifika **għandu jagħmel disponibbli fil-punt** waħdieni tal-informazzjoni, l-informazzjoni minima msemmija fil-paragrafu 1 dwar l-infrastruttura fiżika tiegħu f'format elettroniku fi żmien xahar minn meta jintalab. L-operatur tan-netwerk għandu jagħmel disponibbli fil-punt waħdieni tal-informazzjoni kull

2. Kull korp tas-settur pubbliku li jkollu f'forma elettronika l-informazzjoni minima msemmija fil-paragrafu 1 dwar l-infrastruttura fiżika ta' operatur tan-netwerk minħabba l-kompiti tiegħu, għandu jagħmel din l-informazzjoni disponibbli fil-punt waħdieni tal-informazzjoni b'mezzi elettroniċi qabel [**Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data eżatta: id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament + 6 xhur**]. Kull aġġornament ta' din l-informazzjoni u kull informazzjoni minima ġdida msemmija fil-paragrafu 1 li **jaslu** għand il-korp tas-settur pubbliku, **għandhom ikunu** disponibbli fil-punt waħdieni tal-informazzjoni, **waqt li jiġi rispettat il-prinċipju tal-kunfidenzjalità**, fi żmien xahar minn meta l-korp jirċeviha. **Il-punti waħdanin tal-informazzjoni għandhom jinfurmaw lill-operatur tan-netwerk ikkonċernat dwar l-iskambju ta' informazzjoni.**

3. Meta l-informazzjoni minima msemmija fil-paragrafu 1 ma tinżammx mill-korpi tas-settur pubbliku skont il-paragrafu 2, kull operatur tan-netwerk meta ssirli talba speċifika **bil-miktub mill-punt** waħdieni tal-informazzjoni, **għal żona interessata mill-possibbiltà ta' tifrix tal-elementi tan-netwerks b'veloċità għolja minn intrapriża awtorizzata biex tipprovdli netwerks tal-komunikazzjoni elettronika**, għandu jagħmel disponibbli l-informazzjoni minima msemmija fil-paragrafu 1 dwar l-

aġġornament tal-informazzjoni minima mogħtija fi żmien **xahar** mill-modifika attwali fin-netwerk fiżiku li tbiddel din l-informazzjoni minima.

infrastruttura fiżika tiegħu f'format elettroniku fi żmien xahar minn meta jintalab. L-operatur tan-netwerk għandu jagħmel disponibbli fil-punt waħdieni tal-informazzjoni kull aġġornament tal-informazzjoni minima mogħtija fi żmien **sena** mill-modifika attwali fin-netwerk fiżiku li tbiddel din l-informazzjoni minima. ***Il-proċeduri tal-provvista jew tal-aġġornament tal-informazzjoni għandhom ikunu tali li jkun żgurat li l-operatur tan-netwerk ma jġarrabx l-ispejjeż assoċjati ma' dawn l-operazzjonijiet.***

Emenda 48

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Suġġett għal-limitazzjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam mas-sigurtà fiżika tan-netwerks jew mas-sigrieti operattivi jew kummerċjali, il-punt waħdieni tal-informazzjoni jista' joffri lill-individwi privati aċċess għall-informazzjoni minima għal żona speċifikata fuq talba jew permezz tal-websajt tiegħu. Filwaqt li l-punt waħdieni tal-informazzjoni jista' jagħti aċċess lill-individwi billi jimponi jew le tariffi amministrattivi, din l-informazzjoni għandha tkun bla ħlas għal sid il-proprjetà jew sid l-art ta' post mitlub jew ta' sidien ta' proprjetà li tmiss maż-żona speċifikata.

Emenda 49

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Meta l-informazzjoni minima msemmija

4. Meta l-informazzjoni minima msemmija

fil-paragrafu 1 ma tkunx disponibbli minn punt waħdieni tal-informazzjoni, l-operaturi tan-netwerk għandhom jagħtu aċċess għal din l-informazzjoni speċifika meta jintalbu bil-miktub minn impriża awtorizzata biex tippovdi netwerks tal-komunikazzjoni elettronika. It-talba għandha tispeċifika ż-żona kkonċernata fid-dawl tat-tifrix tal-elementi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja. L-aċċess għall-informazzjoni għandu jingħata fi żmien *xahar* minn meta ssir it-talba bil-miktub skont termini proporzjonati, nondiskriminatorji u trasparenti, mingħajr preġudizzju għal-limitazzjonijiet skont il-paragrafu 1.

fil-paragrafu 1 ma tkunx disponibbli minn punt waħdieni tal-informazzjoni, l-operaturi tan-netwerk għandhom jagħtu aċċess għal din l-informazzjoni speċifika meta jintalbu bil-miktub minn impriża awtorizzata biex tippovdi netwerks tal-komunikazzjoni elettronika. It-talba għandha tispeċifika ż-żona kkonċernata fid-dawl tat-tifrix tal-elementi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja. L-aċċess għall-informazzjoni għandu jingħata fi żmien *sitt xhur* minn meta ssir it-talba bil-miktub skont termini proporzjonati, nondiskriminatorji u trasparenti, mingħajr preġudizzju għal-limitazzjonijiet skont il-paragrafu 1. ***Il-proċeduri biex l-informazzjoni titqiegħed għad-dispożizzjoni għandhom jiżguraw li l-operatur tan-netwerk ma jgħarrabx l-ispejjeż assoċjati ma' dik l-operazzjoni.***

Emenda 50
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Meta impriża awtorizzata biex tippovdi netwerks tal-komunikazzjoni elettronika tagħmel talba speċifika bil-miktub, l-operaturi tan-netwerk għandhom jilqgħu talbiet raġonevoli għal sħarriġ fuq il-post ta' elementi speċifiċi tal-infrastruttura fiżika tagħhom. It-talba għandha tispeċifika l-elementi tan-netwerk ikkonċernat fid-dawl tat-tifrix tal-elementi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja. L-istħarriġiet fuq il-post tal-elementi tan-netwerk speċifikat għandhom jingħataw fi żmien *xahar* minn meta ssir it-talba bil-miktub skont termini proporzjonati, nondiskriminatorji u trasparenti, mingħajr preġudizzju għal-limitazzjonijiet skont il-paragrafu 1.

Emenda

5. Meta impriża awtorizzata biex tippovdi netwerks tal-komunikazzjoni elettronika tagħmel talba speċifika bil-miktub, l-operaturi tan-netwerk għandhom jilqgħu talbiet raġonevoli għal sħarriġ fuq il-post ta' elementi speċifiċi tal-infrastruttura fiżika tagħhom. It-talba għandha tispeċifika l-elementi tan-netwerk ikkonċernat fid-dawl tat-tifrix tal-elementi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja. L-istħarriġiet fuq il-post tal-elementi tan-netwerk speċifikat għandhom jingħataw fi żmien *xahar* minn meta ssir it-talba bil-miktub skont termini proporzjonati, nondiskriminatorji u trasparenti, mingħajr preġudizzju għal-limitazzjonijiet skont il-paragrafu 1. ***Il-parti li qiegħda tagħmel it-talba għandha għorr l-ispejjeż kollha involuti fl-organizzazzjoni u t-twettiq tal-istħarriġ***

Emenda 51

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Meta impriża awtorizzata biex tippovdi netwerks tal-komunikazzjoni elettronika tagħmel talba speċifika bil-miktub, kull operatur tan-netwerk għandu jagħmel disponibbli dan is-sett ta' informazzjoni minima dwar il-ħidmiet ċivili attwali jew **ippjanti** li huma relatati mal-infrastruttura fiżika tiegħu li għalihom ikun ingħata permess, li għalihom ikun kemm proċedura għall-għoti tal-permess pendenti, jew li l-ewwel sottomissjoni lill-awtoritajiet kompetenti għall-għoti tal-permessi tkun maħsuba **għal sitt** xhur li jkunu ġejjin:

- (a) il-post u t-tip ta' ħidmiet;
- (b) l-elementi tan-netwerk involuti;
- (c) id-data stmata meta se jibdew il-ħidmiet u kemm se jdumu;
- (d) punt tal-kuntatt.

It-talba li ssir minn impriża awtorizzata biex tippovdi netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, għandha tispeċifika ż-żona kkonċernata fid-dawl tat-tifrix ta' elementi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja. Fi żmien **gimachtejn** minn meta jintalbu bil-miktub, l-operaturi tan-netwerk għandhom jagħtu l-informazzjoni mitluba skont termini proporzjonati, nondiskriminatorji u trasparenti, mingħajr preġudizzju għal-limitazzjonijiet skont il-paragrafu 1.

Emenda

Meta impriża awtorizzata biex tippovdi netwerks tal-komunikazzjoni elettronika tagħmel talba speċifika bil-miktub, kull operatur tan-netwerk għandu jagħmel disponibbli dan is-sett ta' informazzjoni minima dwar il-ħidmiet ċivili attwali jew **ippjanati** li huma relatati mal-infrastruttura fiżika tiegħu li għalihom ikun ingħata permess, li għalihom ikun kemm proċedura għall-għoti tal-permess pendenti, jew li l-ewwel sottomissjoni lill-awtoritajiet kompetenti għall-għoti tal-permessi tkun maħsuba **għall-erba'** xhur li jkunu ġejjin:

- (a) il-post u t-tip ta' ħidmiet;
- (b) l-elementi tan-netwerk involuti;
- (c) id-data stmata meta se jibdew il-ħidmiet u kemm se jdumu;
- (d) punt tal-kuntatt.

Bil-għan li jitħarsu s-sigrieti kummerċjali, l-inventarju tal-ħidmiet ċivili ppjanati m'għandux jiġi integrat fl-istess bażi ta' dejta tal-inventarju tal-infrastruttura ġenerali. It-talba li ssir minn impriża awtorizzata biex tippovdi netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, għandha tispeċifika ż-żona kkonċernata fid-dawl tat-tifrix ta' elementi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja. Fi żmien **xahar** minn meta jintalbu bil-miktub, l-operaturi tan-netwerk għandhom jagħtu l-informazzjoni mitluba skont termini proporzjonati, nondiskriminatorji u trasparenti, mingħajr preġudizzju għal-limitazzjonijiet skont il-paragrafu 1. ***L-intrapriża awtorizzata biex tippovdi netwerks tal-komunikazzjoni***

elettronika għandha tinforma kemm jista' jkun malajr lill-operatur tan-netwerk bil-ħsieb tagħha li tifrex netwerk tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja fiż-żona speċifika u, fi kwalunkwe każ, fi żmien sitt ġimgħat minn meta tirċievi l-informazzjoni mitluba.

Emenda 52

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni

10. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal eżenzjonijiet mill-obbligi previsti fil-paragrafi 1 sa 5 meta l-infrastrutturi fiżiċi **eżistenti** jitqiesu li mhumiex teknikament xierqa biex jifirxu netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja. Dawn il-miżuri għandhom ikunu mmotivati kif suppost f'dan ir-rigward. Il-partijiet interessati għandhom jingħataw l-opportunità biex jikkumentaw dwar l-abbozzi tal-miżuri fi żmien raġonevoli. Kull miżura bħal din għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni.

Emenda

10. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal eżenzjonijiet mill-obbligi previsti fil-paragrafi 1 sa **6 meta l-informazzjoni jkollha x'taqsam mal-infrastruttura nazzjonali kritika u fejn id-disponibbiltà tagħha tista' faċilment tenfasizza l-vulnerabbiltajiet** jew meta l-infrastrutturi fiżiċi jitqiesu li mhumiex teknikament xierqa biex jifirxu netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja. Dawn il-miżuri għandhom ikunu mmotivati kif suppost f'dan ir-rigward. Il-partijiet interessati għandhom jingħataw l-opportunità biex jikkumentaw dwar l-abbozzi tal-miżuri fi żmien raġonevoli. Kull miżura bħal din għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni.

Emenda 53

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

10a. Fil-każijiet kollha elenkati fil-paragrafi 1, 2, 3, 4, 5 u 6, l-imprezza li

titlob aċċess għal informazzjoni għandha tillimita l-għadd ta' persuni li jkollhom aċċess għal din id-dejta, tiggarrantixxi l-kunfidenzjalità tad-dejta, u m'għandhiex tgħaddiha lil xi parti terza.

Emenda 54
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Kull operatur tan-netwerk għandu jkollu d-dritt jinnegozja ftehimiet dwar il-koordinazzjoni tal-ħidmiet ċivili ma' impriżi awtorizzati li jipprovdu netwerks tal-komunikazzjoni elettronika fid-dawl tat-tifrix tal-elementi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja.

Emenda

1. Kull operatur tan-netwerk għandu jkollu d-dritt jinnegozja ftehimiet dwar il-koordinazzjoni tal-ħidmiet ċivili ma' impriżi awtorizzati li jipprovdu netwerks tal-komunikazzjoni elettronika fid-dawl tat-tifrix tal-elementi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja, ***kif ukoll tal-iżvilupp tan-netwerks tiegħu stess.***

Emenda 55
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Kull impriża li tagħmel ħidmiet ċivili ffinanzjati kollha jew parzjalment minn flus il-poplu għandha tilħaq kull talba raġonevoli li ssir minn impriżi awtorizzati biex jipprovdu netwerks tal-komunikazzjoni elettronika fid-dawl tal-elementi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja għal ftehimiet tal-koordinazzjoni tal-ħidmiet ċivili b'termini trasparenti u nondiskriminatorji, diment li ma jkunx hemm spejjeż żejda għall-ħidmiet ċivili maħsuba fil-bidu u li t-talba għal koordinazzjoni ssir minnufih u f'kull każ mill-anqas xahar qabel jitressaq il-proġett finali lill-awtoritajiet kompetenti

Emenda

2. Kull impriża li tagħmel ħidmiet ċivili ffinanzjati kollha jew parzjalment minn flus il-poplu għandha tilħaq kull talba raġonevoli li ssir minn impriżi awtorizzati biex jipprovdu netwerks tal-komunikazzjoni elettronika fid-dawl tal-elementi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja għal ftehimiet tal-koordinazzjoni tal-ħidmiet ċivili b'termini trasparenti u nondiskriminatorji, diment li ma jkunx hemm spejjeż żejda għall-ħidmiet ċivili maħsuba fil-bidu u li t-talba għal koordinazzjoni ssir minnufih u f'kull każ mill-anqas xahar qabel jitressaq il-proġett finali lill-awtoritajiet kompetenti għall-għoti tal-permessi. ***Impriżi***

għall-għoti tal-permessi.

awtorizzati biex jipprovdu netwerks tal-komunikazzjoni elettronika għandhom jikkontribwixxu b'mod adegwat biex jiġu koperti l-ispejjeż tax-xogħol. Jekk jinqalgħu spejjeż oħra, dawn ukoll għandhom jitħallsu mill-impriża li tkun għamlet it-talba.

Emenda 56

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Għandu jsir kull sforz mill-impriżi li jwettqu l-ħidmiet ta' inġinerija ċivili u mill-impriżi awtorizzati li jipprovdu netwerks tal-komunikazzjoni elettronika biex jikkoordinaw il-ħidmiet ta' inġinerija ċivili ma' dawk tal-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni tal-enerġija sabiex jitnaqqsu l-ħidmiet meħtieġa u biex jiġu installati, miżmuma jew aġġornati l-infrastrutturi tal-ICT u tal-enerġija fl-istess ħin.

Emenda 57

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Kull impriża awtorizzata biex tipprovdi netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, **meta titolbu**, għandu jkollha d-dritt ta' aċċess **b'mezzi elettroniċi minn punt waħdieni tal-informazzjoni**, kull informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet u l-proċeduri applikabbli għall-għoti tal-permessi għal ħidmiet ċivili li hija meħtieġa fid-dawl tal-elementi tat-tifrix tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja, inkluż kull

1. Kull impriża awtorizzata biex tipprovdi netwerks tal-komunikazzjoni elettronika għandu jkollha d-dritt ta' aċċess **għal** kull informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet u l-proċeduri applikabbli għall-għoti tal-permessi għal ħidmiet ċivili li hija meħtieġa fid-dawl tal-elementi tat-tifrix tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja, inkluż kull eżenzjoni applikabbli għal dawn l-elementi fejn jidħlu xi wħud mill-permessi jew il-

eżenzjoni applikabbli għal dawn l-elementi fejn jidħlu xi wħud mill-permessi jew il-permessi kollha meħtieġa skont il-liġi nazzjonali.

permessi kollha meħtieġa skont il-liġi nazzjonali.

Emenda 58

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Kull impriża awtorizzata biex tipprovdi netwerks tal-komunikazzjoni elettronika għandu jkollha d-dritt tressaq, ***b'mezzi elettroniċi*** minn punt ***waħdieni*** tal-informazzjoni, ***l-applikazzjonijiet*** għall-permessi li hemm bżonn għall-ħidmiet ċivili meħtieġa fid-dawl tat-tifrix tal-elementi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja. ***Il-punt waħdieni*** tal-informazzjoni għandu jiffaċilita u jikkoordina l-proċess tal-għoti tal-permessi. B'mod partikolari, dan għandu jiżgura li l-applikazzjonijiet jitwasslu għand kull awtorità kompetenti involuta fl-għoti tal-permessi li huma applikabbli għall-ħidmiet ċivili involuti u li tkun sorveljata l-konformità mal-iskadenzi applikabbli skont il-paragrafu 3.

Emenda

2. Kull impriża awtorizzata biex tipprovdi netwerks tal-komunikazzjoni elettronika għandu jkollha d-dritt tressaq ***applikazzjonijiet*** minn punt tal-informazzjoni għall-permessi li hemm bżonn għall-ħidmiet ċivili meħtieġa fid-dawl tat-tifrix tal-elementi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja. ***Punt*** tal-informazzjoni ***magħżul minn Stat Membru jew minn awtorità lokali*** għandu jiffaċilita u jikkoordina l-proċess tal-għoti tal-permessi. B'mod partikolari, dan għandu jiżgura li l-applikazzjonijiet jitwasslu għand kull awtorità kompetenti involuta fl-għoti tal-permessi li huma applikabbli għall-ħidmiet ċivili involuti u li tkun sorveljata l-konformità mal-iskadenzi applikabbli skont il-paragrafu 3.

Emenda 59

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu jew jirrifjutaw il-permessi fi żmien ***sitt*** xhur minn meta jirċievu talba, mingħajr preġudizzju għal skadenzi jew obbligi speċifiċi oħrajn stabbiliti għall-kondotta xierqa tal-proċedura li huma applikabbli għall-proċedura tal-għoti tal-permessi

Emenda

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu jew jirrifjutaw il-permessi fi żmien ***massimu ta' erba'*** xhur minn meta jirċievu talba ***sakemm ikunu nstemgħu l-partijiet interessati kollha***, mingħajr preġudizzju għal skadenzi jew obbligi speċifiċi oħrajn stabbiliti għall-kondotta xierqa tal-

skont il-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni. Kull rifjut għandu jiġi ġġustifikat kif suppost skont kriterji oġġettivi, trasparenti, nondiskriminatorji u proporzjonati.

proċedura li huma applikabbli għall-proċedura tal-għoti tal-permessi skont il-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni. Kull rifjut għandu jiġi ġġustifikat kif suppost skont kriterji oġġettivi, trasparenti, nondiskriminatorji u proporzjonati.

Emenda 60 **Proposta għal regolament** **Artikolu 7 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Kull bini mibni ġdid fil-post tal-utent finali, **inkluż** l-elementi bi sjieda konġunta, li għalih ikunu tressqu applikazzjonijiet għall-permess tal-bini wara [**Publications Office: please insert the exact date of the entry into force of this Regulation**], għandu jkun mgħammar b'infrastruttura fiżika b'veloċità għolja lesta ġol-bini, sal-punti ta' terminazzjoni tan-netwerk. L-istess obbligu japplika meta jsir xogħol kbir ta' rinnovament li għalih ikunu tressqu applikazzjonijiet għall-permess tal-bini wara [**Publications Office: please insert the exact date of the entry into force of this Regulation**].

Emenda

1. Kull bini **pubbliku** mibni ġdid fil-post tal-utent finali, **inklużi** l-elementi bi sjieda konġunta, li għalih ikunu tressqu applikazzjonijiet għall-permess tal-bini **sitt xhur** wara [**Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data eżatta tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament**], għandu jkun mgħammar **b'teknoloġija newtrali, wara li tkun saret valutazzjoni fir-rigward tal-kosteffikaċja li jiġi mgħammar** b'infrastruttura fiżika b'veloċità għolja lesta ġol-bini, sal-punti ta' terminazzjoni tan-netwerk. **Dak il-bini jew dawk l-appartamenti mbagħad għandhom jirċievu t-tikketta 'broadband-ready' tal-Unjoni.** L-istess obbligu japplika meta jsir xogħol kbir ta' rinnovament li għalih ikunu tressqu applikazzjonijiet għall-permess tal-bini **sitt xhur** wara [**Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament**].

Emenda 61 **Proposta għal regolament** **Artikolu 7 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Kull bini mibni ġdid b'ħafna abitazzjonijiet, li għalih ikunu tressqu

Emenda

2. Kull bini **pubbliku** mibni ġdid b'ħafna abitazzjonijiet, **inkluż dak tal-**

applikazzjonijiet għall-permess tal-bini wara [*Publications Office: please insert the exact date of the entry into force of this Regulation*], għandu jkun mgħammar b'punt ta' konċentrazzjoni, interna jew esterna, u aċċessibbli għall-fornituri tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, fejn tkun disponibbli konnessjoni għall-infrastruttura b'veloċità għolja lesta għol-bini. L-istess obbligu japplika meta jsir xogħol kbir ta' rinnovament fejn jidħol bini b'ħafna abitazzjonijiet, li għalih ikunu tressqu applikazzjonijiet għall-permessi tal-bini wara [*Publications Office: please insert the exact date of the entry into force of this Regulation*].

akkomodazzjoni soċjali, li għalih ikunu tressqu applikazzjonijiet għall-permess tal-bini wara [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*], għandu jkun mgħammar *b'teknoloġija newtrali, wara li tkun saret valutazzjoni fir-rigward tal-kosteffikaċja li jiġi mgħammar* b'punt ta' konċentrazzjoni, interna jew esterna, u aċċessibbli għall-fornituri tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, fejn tkun disponibbli konnessjoni għall-infrastruttura b'veloċità għolja lesta għol-bini. L-istess obbligu japplika meta jsir xogħol kbir ta' rinnovament fejn jidħol bini b'ħafna abitazzjonijiet, li għalih ikunu tressqu applikazzjonijiet għall-permess tal-bini wara [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data eżatta tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*]. *Dan japplika wkoll għall-bini kollu mibni għdid ta' istituzzjonijiet pubbliċi li jkun fihom għabriet sinifikanti ta' dejta bħal libreriji, arkivji, istituzzjonijiet kulturali u istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla.*

Emenda 62

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal eżenzjonijiet għal kategoriji tal-bini, b'mod partikolari djar b'abitazzjoni waħda, jew xogħol kbir ta' rinnovament, mill-obbligi previsti fil-paragrafi 1 u 2, meta l-ispiża biex jitwettqu dawn l-obbligi tkun sproporzjonata. Dawn il-miżuri għandhom ikunu mmotivati kif suppost. Il-partijiet interessati għandhom jingħataw l-opportunità biex jikkumentaw dwar l-abbozzi tal-miżuri fi żmien raġonevoli. Kull miżura bħal din għandha tiġi

Emenda

3. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal eżenzjonijiet għal kategoriji tal-bini, b'mod partikolari djar b'abitazzjoni waħda, jew xogħol kbir ta' rinnovament, mill-obbligi previsti fil-paragrafi 1 u 2, meta l-ispiża biex jitwettqu dawn l-obbligi tkun sproporzjonata. Dawn il-miżuri għandhom ikunu mmotivati kif suppost. Il-partijiet interessati għandhom jingħataw l-opportunità biex jikkumentaw dwar l-abbozzi tal-miżuri fi żmien raġonevoli. Kull miżura bħal din għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni. ***L-Istati***

nnotifikata lill-Kummissjoni.

Membri jistgħu wkoll jipprovdu għal eżenzjonijiet mill-paragrafu 2 fir-rigward ta' linji ta' aċċess għall-utenti finali fi proprjetajiet fejn jintużaw mudelli kummerċjali b'netwerks miftuħin.

Emenda 63

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Kull fornitur ***tan-netwerks*** pubbliċi tal-komunikazzjoni għandu jkollu d-dritt li jtemm in-netwerk tiegħu fil-punt ta' konċentrazzjoni, diment li dan inaqqs kemm jista' jkun l-impatt fuq il-proprjetà privata u bi spejjeż tiegħu, fid-dawl li tkun aċċessata l-infrastruttura fiżika b'veloċità għolja lesta għol-bini.

Emenda

1. ***Bil-kunsens tas-sid tal-art jew tal-proprjetà u, jekk ikun applikabbli, kumpens finanzjarju, kull fornitur ta' netwerks*** pubbliċi tal-komunikazzjoni għandu jkollu d-dritt li jtemm in-netwerk tiegħu fil-punt ta' konċentrazzjoni, diment li dan inaqqs kemm jista' jkun l-impatt fuq il-proprjetà privata u bi spejjeż tiegħu, fid-dawl li tkun aċċessata l-infrastruttura fiżika b'veloċità għolja lesta għol-bini.

Emenda 64

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Kull fornitur ***tan-netwerks*** pubbliċi tal-komunikazzjoni għandu jkollu d-dritt li jtemm in-netwerk tiegħu fil-punt ta' konċentrazzjoni, diment li dan inaqqs kemm jista' jkun l-impatt fuq il-proprjetà privata u bi spejjeż tiegħu, fid-dawl li tkun aċċessata l-infrastruttura fiżika b'veloċità għolja lesta għol-bini.

Emenda

1. Kull fornitur ***ta' netwerks*** pubbliċi tal-komunikazzjoni ***f'bini mingħajr netwerks miftuħa b'kompetizzjoni fis-servizz*** għandu jkollu d-dritt li jtemm in-netwerk tiegħu fil-punt ta' konċentrazzjoni, diment li dan inaqqs kemm jista' jkun l-impatt fuq il-proprjetà privata u bi spejjeż tiegħu, fid-dawl li tkun aċċessata l-infrastruttura fiżika b'veloċità għolja lesta għol-bini.

Emenda 65

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Kull fornitur ***tan-networks*** pubbliċi tal-komunikazzjoni għandu jkollu d-dritt li jaċċessa kull infrastruttura fiżika b'veloċità għolja lesta għol-bini li tkun ***eżistenti*** skont termini raġonevoli jekk id-duplikazzjoni tkun teknikament impossibbli jew ekonomikament ineffiċjenti. Id-detentur ta' dritt li juża l-infrastruttura fiżika għol-bini għandu jagħti aċċess skont termini u kundizzjonijiet nondiskriminatorji.

Emenda

2. Kull fornitur ***ta' networks*** pubbliċi tal-komunikazzjoni għandu jkollu d-dritt, ***f'bini li m'għandux in-networks miftuħa b'kompetizzjoni, li jipprova servizzi***, li jaċċessa kull infrastruttura fiżika b'veloċità għolja lesta għol-bini li tkun ***eżistenti*** skont termini raġonevoli jekk id-duplikazzjoni tkun teknikament impossibbli jew ekonomikament ineffiċjenti. Id-detentur ta' dritt li juża l-infrastruttura fiżika għol-bini għandu jagħti aċċess skont termini u kundizzjonijiet nondiskriminatorji.

Emenda 66

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Meta ma jkunx hemm infrastruttura b'veloċità għolja lesta għol-bini li tkun disponibbli, kull fornitur tan-networks pubbliċi tal-komunikazzjoni għandu jkollu d-dritt li jtemm it-tagħmir tan-network tiegħu fil-bini ta' abbonat għal servizz tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja, diment li dan inaqqas kemm jista' jkun l-impatt fuq il-proprjetà privata u bi spejjeż tiegħu.

Emenda

4. Meta ma jkunx hemm infrastruttura b'veloċità għolja lesta għol-bini li tkun disponibbli, kull fornitur tan-networks pubbliċi tal-komunikazzjoni għandu jkollu d-dritt li jtemm it-tagħmir tan-network tiegħu fil-bini ta' abbonat għal servizz tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja, diment li dan inaqqas kemm jista' jkun l-impatt fuq il-proprjetà privata u bi spejjeż tiegħu. ***Jekk ma jintlaħaq ebda ftehim fir-rigward tat-terminazzjoni ta' tali tagħmir tan-network, l-abbonat jew il-fornitur tan-network pubbliku tal-komunikazzjoni jistgħu jirreferu l-kwistjoni lill-korp kompetenti għas-soluzzjoni tat-tilwim.***

Emenda 67

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mill-paragrafi 1 u 2 għal aċċess lil klijenti fil-livell tal-konsumatur fi proprjetajiet fejn jiġu applikati mudelli kummerċjali b'netwerks miftuħin.

Emenda 68

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-awtorità regolatorja nazzjonali li **tilħaq** il-kompiti mogħtija fl-Artikolu 20 tad-Direttiva 2002/21/KE għandha tagħmel il-funzjoni tal-korp nazzjonali għas-soluzzjoni tat-tilwim imsemmija fl-Artikolu 3(4), l-Artikolu 4(9), l-Artikolu 5(4) u l-Artikolu 8(3), għajr jekk l-Istat Membru jkun ħatar korpi kompetenti oħra.

1. L-awtorità regolatorja nazzjonali li **twettaq** il-kompiti mogħtija fl-Artikolu 20 tad-Direttiva 2002/21/KE għandha tagħmel il-funzjoni tal-korp nazzjonali għas-soluzzjoni tat-tilwim imsemmija fl-Artikolu 3(4), l-Artikolu 4(9), l-Artikolu 5(4) u l-Artikolu 8(3), għajr jekk l-Istat Membru jkun ħatar korpi kompetenti oħra **li huma legalment distinti u funzjonalment indipendenti mill-operaturi kollha tan-netwerk, speċjalment fil-qasam tal-ilma.**

Jekk l-Istat Membru jiddeċiedi li jaħtar l-awtorità regolatorja nazzjonali li twettaq il-kompiti previsti fl-Artikolu 20 tad-Direttiva 2002/21/KE bħala l-korp nazzjonali għas-soluzzjoni tat-tilwim, dak il-korp għandu jkun obligat li jitlob l-opinjoni tar-regolaturi tas-settur qabel ma jadotta kwalunkwe deċiżjoni vinkolanti dwar id-determinazzjoni ta' termini, kundizzjonijiet jew prezzijiet ġusti.

Emenda 69

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Kull korp nazzjonali ieħor għas-soluzzjoni tat-tilwim li jaħtru l-Istati Membri skont il-paragrafu 1 ***għandu jkun legalment distint u funzjonalment indipendenti mill-operaturi kollha tan-netwerk. Dan*** għandu jkollu s-setgħa li jimponi fuq l-operaturi tan-netwerk, sanzjonijiet xierqa, effettivi, proporzjonati u dissważivi meta jinkisru l-obbligi li ġejjin mid-deċiżjonijiet adottati meta tkun deċiża t-tilwima.

Emenda 70

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-awtorità regolatorja nazzjonali li ***tilħaq*** il-kompiti mogħtija fl-Artikolu 20 tad-Direttiva 2002/21/KE għandha tagħmel il-funzjonijiet tal-punt waħdieni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 u fl-Artikolu 6, għajr jekk l-Istat Membru jkun ħatar ***korpi*** kompetenti ***oħra***.

Emenda

2. Kull korp nazzjonali ieħor għas-soluzzjoni tat-tilwim li jaħtru l-Istati Membri skont il-paragrafu 1 għandu jkollu s-setgħa li jimponi fuq l-operaturi tan-netwerk, sanzjonijiet xierqa, effettivi, proporzjonati u dissważivi meta jinkisru l-obbligi li ġejjin mid-deċiżjonijiet adottati meta tkun deċiża t-tilwima.

Emenda

3. L-awtorità regolatorja nazzjonali li ***twettaq*** il-kompiti mogħtija fl-Artikolu 20 tad-Direttiva 2002/21/KE għandha tagħmel il-funzjonijiet tal-punt waħdieni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 u fl-Artikolu 6, għajr jekk l-Istat Membru jkun ħatar ***korp*** kompetenti ***u funzjonalment indipendenti ieħor, b'mod partikolari korp tas-settur pubbliku fil-livell nazzjonali jew lokali***.

NOTA SPJEGATTIVA

Ir-rapporteur temmen li infrastruttura diġitali ta' kwalità għolja tirfed virtwalment is-setturi kollha ta' ekonomija u soċjetà moderni u innovattivi, fejn infrastruttura tal-broadband b'veloċità għolja hija prerekwiżit għall-kompetittività globali, u pilastru tas-suq uniku diġitali Ewropew, għalhekk ir-rapporteur tappoġġa l-għan ta' dan ir-regolament li titnaqqas l-ispiża tat-tifrix ta' netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja u ultraveloċi billi jipprovdi għodod għal tifrix aktar kosteffikaċi ta' infrastruttura fiżika ġdida, piżijiet amministrattivi mnaqqsa, użu konġunt ta' infrastrutturi eżistenti u ħidmiet ta' inġinerija ċivili armonizzati.

In-nuqqas ta' sinerġiji bejn operaturi u sidien differenti tal-infrastruttura fiżika, u l-ammont ta' regolamenti lokali li l-operaturi jridu jirrispettaw żiedu l-ispejjeż, il-ħin u l-komplessitajiet biex jinkisbu l-permessi u, imbagħad, għat-tifrix u t-titjib tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja. Għalhekk, fil-fehma tar-rapporteur, filwaqt li jibni fuq l-aħjar prattiki tal-Istati Membri, u filwaqt li jappoġġa kultura ġdida ta' aċċess għall-broadband b'veloċità għolja, dan ir-regolament jiżgura wkoll li l-Istati Membri jkomplu jgawdu setgħat diskrezzjonali vasti fuq kwistjonijiet organizzattivi, u li l-awtoritajiet lokali u reġjonali xorta jkollhom rwol ewlieni fil-koordinazzjoni tax-xogħlijiet tal-bini fil-ġurisdizzjoni tagħhom.

Ir-rapporteur taqbel mal-approċċ kumpless biex jiżdedu kemm jista' jkun is-sinerġiji fin-netwerks, hekk kif ir-regolament huwa indirizzat mhux biss għall-fornituri tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika iżda għal kull sid tal-infrastrutturi fiżiċi li jkunu adattati biex jilqgħu fihom elementi tan-netwerk tal-komunikazzjoni elettronika, bħas-servizzi tad-dawl, il-gass, l-ilma u d-drenaġġ, it-tisħin u t-trasport. B'dan il-mod, peress li l-ħidmiet tal-inġinerija ċivili jikkostitwixxu l-parti dominanti fl-ispejjeż globali tat-tifrix tan-netwerk, ir-rapporteur tqis bħala pass 'il quddiem regolatorju importanti d-dritt ta' kull operatur tan-netwerk li joffri jew ikun offrut (bi prezz raġonevoli u taħt kundizzjonijiet ġusti) aċċess għall-infrastruttura fiżika tiegħu, u finalment jippermetti lill-partijiet interessati rilevanti li jisfruttaw is-sinerġiji u jnaqqsu l-inefficijenzi fit-tifrix, filwaqt li jiffukaw fuq koordinazzjoni akbar, trasparenza u fuq l-armonizzazzjoni tal-għodod minimi.

Ir-rapporteur tirrikonoxxi li l-aċċess għall-infrastruttura ċivili mhuwiex xi soluzzjoni maġika li ssolvi problemi ta' kompetizzjoni akuti fis-settur tat-telekomunikazzjoni, madankollu, l-aċċess għall-infrastruttura ċivili jista' jiffaċilita b'mod konsiderevoli t-tifrix tan-netwerks tal-broadband b'veloċità għolja minn kwalunkwe operatur. Konsegwentement, il-potenzjal offrut minn żvilupp aktar veloċi tan-netwerk abbażi tar-regolament jista' jiġi sfruttat bis-sħiħ biex jiġu żviluppati servizzi pubbliċi transkonfinali, jinħoloq suq pan-Ewropew għall-ħolqien u t-tqassim ta' kontenut diġitali legali u servizzi online li jikber, jirnexxi u jkun vibranti, kif ukoll biex jingħata lill-konsumaturi aċċess faċli, sikur u flessibbli għas-swieq tal-kontenut u s-servizzi diġitali.

Anke mill-perspettiva tal-opportunitajiet, l-iżvilupp ta' servizzi tal-ICT, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, għandu jintuża bħala mezz biex jittejjbu s-servizzi pubbliċi bħall-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni pubblika u l-kultura, is-sigurtà pubblika, is-servizzi soċjali, u jista' wkoll jagħti spinta lill-attività ekonomika tal-SMEs u jstimula l-iżvilupp tagħhom. Ir-rapporteur tenfasizza li l-aċċess għall-broadband u l-ICT għandhom jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-membri kollha tas-soċjetà, iżidu l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini, itejbu l-attività soċjali u ekonomiċi tagħhom, u jikkontribwixxu biex jitnaqqas id-distakk diġitali.

B'rabta ma' dan, ir-rapporteur tirrimarka biċ-ċar li għalkemm hemm argumenti kummerċjali sodi favur il-broadband f'żoni popolati ħafna, għandha tingħata attenzjoni speċjali biex jiġu inkoraġġati l-investimenti mis-settur privat f'oqsma rurali u remoti, għaldaqstant l-aċċess għall-broadband bi prezz li jista' jintlaħaq irid jiġi żgurat anke f'żoni fejn is-suq ma jasalx.

Mill-perspettiva finanzjarja, ir-rapporteur hija konxja mill-fatt li l-ġbir tad-dejta, il-forniment tad-dejta u t-twaqqif ta' punt waħdieni tal-informazzjoni jinvolve spejjeż sinifikanti, iżda tfakkar li dan jgħaliq valur miżjud Ewropew. Dan l-eżerċizzju ta' mmappjar, li fih ħafna xogħol u jiswa' mhux ħażin, jista' jkun mezz importanti ta' ħolqien ta' impjiegi fl-Ewropa, u biex jitħaffef il-piż finanzjarju ta' dan l-eżerċizzju fuq l-Istati Membri u n-negozji għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni finanzjament mill-UE. Fl-opinjoni tar-rapporteur, il-baġit imnaqqas sew tal-komponent tal-ICT tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa jista' jintuża għall-oġettivi marbutin mal-ġenerazzjoni tad-dejta u l-punt waħdieni tal-informazzjoni.

Fl-aħħar nett skont ir-rapporteur il-miżuri proposti fir-regolament jidhru konformi mal-prinċipju ta' sussidjarjetà, peress li t-tnaqqis tal-ispiża tat-tifrix ta' infrastruttura tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja teħtieġ azzjoni mill-UE sabiex jitjiebu l-kundizzjonijiet għall-istabiliment u l-funzjonament tas-suq intern u jitneħħew l-ostakoli kkawżati mit-taħlita ta' regoli u prattiki amministrattivi fil-livelli nazzjonali u subnazzjonali. Ir-rapporteur tħoss li l-miżuri proposti joffru valur miżjud tal-UE ċar meta mqabbla ma' miżuri iżolati fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali u jinnota wkoll li approċċ Ewropew konġunt għal dawn il-kwistjonijiet joffri valur miżjud billi jevita duplikazzjoni mhux meħtieġa u jippermetti ekonomiji ta' skala. Ir-rapporteur temmen li l-miżuri proposti mir-regolament huma wkoll konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità, peress li jirrikonossu l-preċedenza tan-negozjati kummerċjali, ma jxekklux bla bżonn id-drittijiet tas-sjieda, u ma jmorrux lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jitnaqqsu l-ostakoli ta' aċċess għall-infrastrutturi fiżiċi.

PROĊEDURA

Titolu	Miżuri biex tonqos l-ispiża biex isiru netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja			
Referenzi	COM(2013)0147 – C7-0082/2013 – 2013/0080(COD)			
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	27.3.2013			
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 16.4.2013			
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 16.4.2013	IMCO 16.4.2013	TRAN 16.4.2013	CULT 16.4.2013
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	ENVI 25.4.2013	IMCO 29.5.2013	TRAN 22.4.2013	CULT 22.4.2013
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Edit Herczog 14.5.2013			
Eżami fil-kumitat	20.6.2013	18.9.2013	4.11.2013	
Data tal-adozzjoni	28.11.2013			
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: –: 0:	43 6 1		
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Josefa Andrés Barea, Jean-Pierre Audy, Ivo Belet, Jan Březina, Giles Chichester, Jürgen Creutzmann, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Vicky Ford, Adam Gierek, Norbert Glante, Robert Goebbels, Fiona Hall, Edit Herczog, Kent Johansson, Romana Jordan, Krišjānis Kariņš, Philippe Lamberts, Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz, Angelika Niebler, Vittorio Prodi, Miloslav Ransdorf, Herbert Reul, Teresa Riera Madurell, Jens Rohde, Paul Rübig, Amalia Sartori, Salvador Sedó i Alabart, Francisco Sosa Wagner, Konrad Szymański, Patrizia Toia, Evžen Tošenovský, Catherine Trautmann, Ioannis A. Tsoukalas, Claude Turmes, Marita Ulvskog, Vladimir Urutchev, Adina-Ioana Vălean, Alejo Vidal-Quadras			
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Rachida Dati, Ioan Enciu, Roger Helmer, Jolanta Emilia Hibner, Gunnar Hökmark, Holger Kraemer, Werner Langen, Zofija Mazej Kukovič, Alajos Mészáros, Vladimír Remek, Silvia-Adriana Țicău			
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Carl Schlyter			
Data tat-tressiq	10.12.2013			